MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 289/2007

Il-Pulizija
(Supt. N. Harrison)
Vs
Paul Spagnol

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fit-13 t'Awissu, 1998 u fil-gimghat ta' qabel din id-data :
1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' w tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu

ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2) sar ukoll recidiv b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell, moghtija fis-26 ta' Lulju, 1990, 8 t'Ottubru, 1990, 12 ta' Mejju, 1992, 30 t'April, 1993, 21 ta' Frar, 1996 u 9 ta' Jannar, 1997 u tlett sentenzi ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-18 ta' Gunju, 1993 (Awla 3), 14 ta' Lulju, 1995 (Awla 3) u 26 ta' Lulju, 1995 (Awla 10).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Lulju, 2007, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939 kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu ghal seba' (7) xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltija (LM250), li tista' tithallas f'rati ta' LM50 kull erba' gimghat bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Fin-nuqqas ta' xi hlas ta' pagament, il-bilanc jithallas kollu f'daqqa waqt li jekk xi parti tal-multa ma tithallasx din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull LM5 mhux imhallsa.
Il-Qorti ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjes ta' l-esperti minhbba li l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar, 2006.
Il-Qorti ordnat li l-appellant jinghata lura l-flus esibiti stante li ma ngabet ebda prova li dawn kellhom x'jaqsmu mal-bejgh tad-droga.
Ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jaghmel process verbal dwar din id-distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w b'hekk tillibera lill-appellant minn kull htija w mill-piena konsegwenzjali nflitta fuqu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li ma kienx hemm *mechanical fit* bejn it-*tape* li kien imdawwar mall-pakketti w t-*tape* li nstab fil-kcina tieghu. Dan jeskludi kull rabta bejn l-appellant u l-medicina perikoluza li instabet fit-triq sottostanti l-fond tal-appellant. Lanqas gew elevati pitazzi jew diarji li f' karti bhalhom u fihom kienu ippakkjati l-qratas. Ghalhekk ma kienx hu li ghamel il-qratas. L-Ewwel Qorti ma haditx konsiderazzjoni ta' dawn il-kostatazzjonijiet li johorgu mir-rapport forensiku w l-appellant imissu ghalhekk gie liberat sommarjament. Lanqas kien hemm *mechanical fit* bejn il-*plastic* u l-boroz tal-iskart li kellu l-appellant. Wara kollox il-*plastic* u t-t*ape* kienu f' ambjent fejn normalment jinzammu w cioe' fil-kcina u b' hekk ma kellhomx iqajjmu suspett t' uzu illecitu. Il-fatt li l-pakkett tas-sigarretti kontenenti d-droga nstab fit-triq taht it-tieqa tal-appellant diversi sulari 'l fuq mit-triq assolutament ma jipprovax il-kaz tal-prosekuzzjoni. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet li dan il-pakkett seta' twaddab mit-tieqa fuq mera kongettura. Dan seta' waqa' mill-but ta' xi hadd. L-elementi empirici favur l-appellant kollha gew skartati mill-Ewwel Qorti li waslet ghall-htija fuq bazi ta' kongettura w ipotesi mentri ma kien hemm ebda provi li jissufragaw it-tezi ta' pussess aggravat jew semplici ta' medicina perikoluza.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell kif intavolat jirrikjedi ezami w revizjoni tal-apprezament tal-fatti maghmula mill-Ewwel Qorti tal-provi li jinsabu traskritti fil-process . Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz

ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94]; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”,** deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament “.*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar l-imputazzjoni li taghha nstab hati l-appellant kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva - ghalkemm dwar dan tal-ahhar ma hemm ebda aggravju *per se.*

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-kawza gew magistralment migbura kollha fis-sentenza elaborata w dettaljata tal-Ewwel Qorti li ghaddiet in rassenja l-provi kollha minuzzjozament u ghalhekk mhux il-kaz li dawn jergu jigu ripetuti f' din is-sentenza .

F' dan l-istadju bizzejjed li jinghid li fit-13 t' Awwissu, 1998, membri tal-korp tal-Pulizija kienu nghataw istruzzjonijiet biex jaghmlu tfittxija fil-fond (flat) fejn kien jirrisjedi l-appellant. Meta dahlu hemm gew, elevaw xi *tape* isfar u xi *plastic bags* ta' kulur iswed mill-kcina, simili ghal dawk li kien urihom is-Supratendent Harrison qabel, kif ukoll somma flus ammontanti ghall-LM712 . Meta WPS 45 Marisa Bartolo li kienet qed tiehu parti fit-tfittxija, nizlet isfel fit-triq taht it-tieqa tal-flat ezatt fejn kienu qeghdin huma li tigi fuq wara tal-blokk, mill-ewwel rat speci ta' kapsola li kien fiha *tape* li sa fejn kienet tiftakar kien isfar u li hi ssuspettat li kien fih xi droga. Fil-fatt elevaw dan u

ghaddewh lis-Supratendent Harrison li xehed li kien jikkonsisti f' pakkett tas-sigarretti Rothmans li kien fih erba boroz tal-plastic u f' dawn l-istess boroz tal-plastic kien hemm diversi qratas bi trab kannella. Meta dan gie sussegwentement analizzat mill-Ispizjar Mifsud, instab li kien jikkontjeni 21 qartas b' ammont nett totali ta' 2.228 grammi eroina.

Fil-waqt li l-appellant ma kkontestax li t-*tape* isfar, il-*plastic* u l-flus li nstabu fil-flat tieghu kienu tieghu, cahad li dak li nstab barra t-triq kien tieghu.

L-Ewwel Qorti ukoll ikkonsidrat wahda, wahda s-sottomissjonijiet kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza w, wara li qieset kollox, gibdet il-konkluzzjonijiet taghha li huma ben motivati w li ma jistghux jitqiesu li ma setghetx tasal ghalihom logikament u legalment.

Effettivament fuq dawn il-fatti l-Ewwel Qorti kkonkludiet li t-*tape* isfar u l-*plastic* iswed li kien hemm mal-pakketti fid-dokument 98 BTT O2 kienu simili ghat-tape isfar tar-*roll* u ghall-boroz tal-plastic li kienu gew elevati mill-Pulizija mill-kcina tal-appellant (DOK. 98 BTT 01), ghalkemm ma nstabux *mechanical fits* maghhom. L-Ewwel Qorti umbaghad emfasizzat li hawn ma kienx hawn element wiehed ta' xebh - tape biss jew il-plastic iswed biss - izda zewg elementi **f' daqqa.** Qalet ukoll li dawn il-kumbinazzjoni **ta' zewg elementi f' daqqa li jinstabu f' appartament u imbaghad proprju tahtu ma jigrux kif gieb u lahaq** u li l-probbabilta' matematika li dan jista' jsehh hija remota hafna. Qalet ukoll li anki jekk jista' jkun li f' dar jinstabu dawn iz-zewg elementi, li quddiem l-istess dar tinstab id-droga mkebba proprju **fiz-zewg elementi** msemmija **f' daqqa** u mhux almenu f' wiehed minnhom imur kontra dak li jigri normalment fil-hajja. Aktar u aktar meta din id-droga tinstab barra proprju fil-hin meta l-Pulizija ghamlu tfittxija w fil-pozizzjoni murija fir-ritratti viz-a-viz t-tieqa tal-appellant u meta l-istess appellant innega li kienet remiethom l-unika persuna adulta li kienet mieghu hemm gew. Inoltre ma kien hemm xejn aktar fl-art fejn instabet id-droga w ma kien hemm xejn x' jindika li din kienet ilha hemm. L-Ewwel Qorti ukoll irriteniet li x-xiehda

tal-appellant moghtija viva voce quddiemha ma kienetx konvincenti.

Ghab-bazi ta' dawn ic-cirkostanzi ta' natura indizjarja l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dawn jissodisfaw il-kriterji mehtiega fi proceduri kriminali biex setghet bla ebda dubju dettat mir-raguni tikkonkludi li d-droga misjuba taht it-tieqa tal-appartament tal-appellant kienet fil-fatt tieghu. Inoltre , kif kienet imqassma, kien jindika l-intenzjoni tal-ispaccjar.

Ikkonsidrat;

Din il-Qorti qieset mill-gdid l-argumenti tad-difiza li pero' ma jwasslux biex jinnewtralizzaw il-prova indizjarja li wasslet lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni li lahqet. In-non-prova bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' mechanical fits ma tfissirx li ma tkunx intuzat l-istess materja, tfisser biss li fil-partijiet li jkunu nstabu wahda minnhom ma tkunx timmatchja mall-ahhar bicca maqtugha mit-tape u dan ovvjament jista' jkun dovut ghall-diversi ragunijiet . L-istess in-non prova li ma instabux karti ohra ta' pitazz, jew ta' diarji jew li ma nstabux imwiezen ma jfissirx necessarjament li d-droga ma kienetx tal-appellant.

Illi meta rat il-provi kollha din il-Qorti ma tarax li ghandha ragunijiet bizzejjed biex tbiddel l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti w ghalhekk issib li l-aggravji tal-appellant fuq il-mertu ma jreggux u qed tirrespingihom.

Ma hemm ebda aggravju dwar l-addebitu tar-recidiva w lanqas dwar il-piena "ut sic" u f' kull kaz din kienet l-inqas li setghet tinghata fic-cirkostanzi, w mehud kont tal-kondotta refrattarja tal-appellant li huwa recidiv plurimu.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha b' dana li l-ewwel hlas tal-multa irid isir fi zmien erba' gimghat mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------